Avviz Numru CCT 405/11/GZ

**Monica Mizzi**

**vs**

**Homes by BDI**

Illum 16 ta' Frar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011, fejn ir-rikorrent talbet rifuzjoni ta' erbgha mija wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€451.66), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal parti mill-kcina, liema parti kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Marzu 2010 hija kienet ordnat kcina minghand is-socjeta' ntimata, li kienet waslet fl-ahhar ta' Gunju. Meta bdew jarmawha, ir-rikorrenti kienet sabet xi grif mal-bibien u mal-genb tal-island u l-kaxxa tal-fridge kienet imxaqqa minn fuq. Is-socjeta' ntimata qaltilha li kienet ser tbiddelhomlha pero' li riedet tistenna sitt (6) gimghat ohra ghaliex riedu jordnawhom. Wara erbgha (4) xhur, is-socjeta' ntimata cemplet lir-rikorrenti sabiex tinformaha li kienu waslu. Ghalhekk, il-partijiet ftehemu l-gurnata u s-socjeta' marret bil-kaxxa tal-island biss, u x'hin ramghuha issikkaw il-vit u imbozza l-genb. Ir-rikorrenti kellha kwistjoni ghaliex certu Mark, li kien intbghat mis-socjeta' ntimata sabiex jarma l-island qalilha li ma kienx minnu li kien issika l-vit izzejjed ghaliex ir-rikorrenti kienet indunat b'dan wara li kien telaq. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata fejn kellmet lil certu Joseph li kien mar jara l-

problema hu stess u kien anke ha ritratt u qalilha li kien ser igibilha island gdid, pero' kien reggha qalilha li kellha tistenna sitt (6) gimghat. Is-socjeta' kienet pero' cemplet lir-rikorrenti sabiex tinformaha li l-affarijiet kienu waslu xhur wara u mhux gimghat. Regghu ftehemu l-gurnata u mar l-imsemmi Mark, li x'hin beda jzarma sabiex ibiddel il-parti difettuza, induna li l-qies tal-kaxxi li gab kienu xi pulzier akbar, pero' minnflok ma rega' hadhom lura huwa qabad serrieq u qata' z-zejjed u x-xifer gie kollu mtajjar. Ir-rikorrenti qaltlu li ma rieditihomx hekk, pero' huwa nizel fil-karozza u gab qisha xema biex jimla fejn kien tajjar. Ir-rikorrenti xorta wahda qaltlu li ma rieditx hekk u gelitu jieqaf ghaliex hi flus kienet hallset, kemm talbuha u xejn inqas. Mark kien cempel lis-socjeta' ntimata sabiex jghidilha u s-socjeta' qaltlu li kienet ser tbiddilhom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ghad fadal li tircievi xi edging pero' ghadha minghajrhom u kull darba li jmorru tas-socjeta' jghidulha li lanqas biss ordnawhom u r-rikorrenti ghadha minghajrhom. Ir-rikorrenti cemplet lis-showroom tas-socjeta' u kellmet lill-imsemmi Joseph u lil certu Lisa fejn qaltilhom li issa kien xebghat kull darba b'dawn il-kummiedji, u s-soltu regghu qalulha li kellhom jergghu jordnaw minn barra u minnflok sitt (6) gimghat kif dejjem qalulha, hija stenniet xhur u ghalhekk hija avzat lis-socjeta' ntimata li kienet sejra ghand tal-konsumatur. Li fil-fatt ghamlet, u meta s-socjeta' giet ikkuntatjatha minghandhom, hija regghat qalet l-istess haga rigwardanti l-fatt li r-rikorrenti kellha tistenna sitt (6) gimghat. Wara hafna zmien, is-socjeta' kienet cemplet lir-rikorrenti sabiex tinformaha li kienu waslu l-affarijiet. Pero' iz-zewg kaxxi li s-socjeta' hadet ghand ir-rikorrenti kienu mifqugha u ghalhekk hija lmentat mas-socjeta' fuq dan, fejn talbet li tinghata l-flus lura. Is-socjeta' qatt ma tawha risposta fuq dan. L-affarijiet kellhom jaslu ghall-ahhar ta' Gunju pero' ghadu ma wasal xejn.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'dan kollu u ghalhekk hija qed titlob lura l-flus li kienet hallset ghall-partijiet difettuzi fl-ammont ta' erbgha mija wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€451.66).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hekk kif taf ir-rikorrenti, saru diversi attentati sabiex jigi ffissat appuntament sabiex il-units jigu sostitwiti. Ma kenitx sitwazzjoni pjacevoli ghas-socjeta' illi l-units waslu ddanneggjati u li kellhom jigu sostiwiti kompletament. Il-kcina tar-rikorrenti fl-ebda mument ma thalliet fi stat li ma setghatx tintuza jew fi stat li setghat ikkawzat inkonvenjenza lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qatt ma nformat lis-socjeta' illi hija kienet ikkawzatilha iktar danni fuq il-post u cioe' l-propjeta' taghha. Madanakollu, is-socjeta' ilha tistenna t-telefonata mir-rikorrenti sabiex ittihom il-gurnata adegwata ghaliha sabiex is-socjeta' tinstalla l-units l-godda li ilhom li waslu minn Lulju 2011. Is-socjeta' ilha tistenna dan iz-zmien kollu sabiex ir-rikorrenti taghtiha gurnata u hin konvenjenti ghaliha ghal dan l-imsemmi installazzjoni. Is-socjeta' dejjem ghamlet dak kollu li setghat sabiex tikkontenta r-rikorrenti. Kull darba li kien hemm problema s-socjeta' ghamlet ordni gdid immedjatament. M'huwiex gust illi r-rikorrenti tibqa' ma

thallasx l-ammont dovut u pendenti fl-ammont ta' erbgha mija wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€451.66), meta s-socjeta' dejjem ghamlet dak kollu li setghat billi dejjem ghamlet l-ordni rikjest. Madanakollu, is-socjeta' dejjem tqieghed il-klijenti taghha l-ewwel, u ghalhekk hija lesta li l-ammont pendenti ta' erbgha mija wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€451.66) jibqa' ma jithallasx da parti tar-rikorrenti u l-kcina tibqa' *tale quale*, hekk kif tinsab illum-il gurnata, u dana allavolja s-socjeta' ntimata kienet ordnat u hallset ghar-replacement units hekk skond ir-rikjesta originali tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti, hekk kif mitluba minn dan it-Tribunal, ezebiet l-ircevuti tal-hlasijiet li kienet ghamlet fuq il-kcina in kwistjoni, li gew immarkati bhala Dok.MM1 u Dok.MM2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li ma ngabet ebda prova rigwardanti kemm kienu jiswew l-units difettuzi, u cioe' l-prezz taghhom biss u mhux il-prezz tal-kcina fit-totalita' taghha, u flimkien mal-fatt ukoll illi s-socjeta' ntimata ma kienet qatt naqset bl-ebda mod fis-servizz li tat lir-rikorrenti, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**